# Press conference held by the Prime Minister and representatives of professional organisations and trade unions (Valletta, 5 March 2003)

**Source:** Video Clip 19/03 - Press Conference given by the Prime Minister together with representatives of Constituted Bodies / EDDIE FENECH ADAMI, Winston Zahra.- Valletta: Department of Information [Prod.], 05.03.2003. Department of Information, Valletta. - VIDEO (00:34:32, Couleur, Son original). Department of Information - Government of Malta, 3, Castille Place, Valletta - Malta.

**Copyright:** Transcription CVCE.EU by UNI.LU
All rights of reproduction, of public communication, of adaptation, of distribution or of dissemination via Internet, internal network or any other means are strictly reserved in all countries.
Consult the legal notice and the terms and conditions of use regarding this site.

**URL:**
http://www.cvce.eu/obj/press_conference_held_by_the_prime_minister_and_representatives_of_professional_organisations_and_trade_unions_valletta_5_march_2003-mt-c159b38e-e718-44a5-b39a-214f93de3072.html

**Last updated:** 08/08/2016

## Press conference held by the Prime Minister and representatives of professional organisations and trade unions (Valletta, 5 March 2003)

Naħseb illi dalgħodu qed niktbu paġna ġdida fl-istorja ta' pajjiżna. Jiena deherli li għandi nindirizza konferenza stampa, mhux waħdi, imma ma' rappreżentati ta' parti kbira mis-soċjetà ċivili ta' pajjiżna. Madwari, infatti, hawn wieħed u tletin għaqda illi kollha għamlu dikjarazzjonijiet pubbliċi billi jħeġġu lill-poplu Malti jew jirrakkomandaw lill-poplu Malti jivvota 'iva' fir-referendum ta' nhar is-Sibt. Madwar din il-mejda, minbarra l-Viċi Prim Ministru, hawn rappreżentanti ta' dawk l-għaqdiet kostitwiti li jifformaw parti mill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali u li ddikjaraw ruħhom favur li Malta issir membru, flimkien maċ-Ċerperson ta' l-Alternattiva Demokratika. Il-membri l-oħra preżenti għal din il-konferenza, kif għidt, huma kollha ġejjin minn għaqdiet li jirrappreżentaw parti kbira mis-soċjetà ċivili ta' pajjiżna.

Naħseb illi paġna ġdida għaliex hija frott ta' mod ġdid [ta'] kif mexa l-Gvern f'din l-issue li għandu l-pajjiż, jiġifieri li Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea s-sena d-dieħla. Fil-fatt, kulħadd jaf li l-Gvern immexxi minni kien irċieva mandat fl-1987, '92 u '98 biex idaħħal lil Malta fl-Unjoni Ewropea. Meta wasal iż-żmien li nidħlu għan-negozjati dehrilna illi mhux il-Gvern għandu jagħmel in-negozjati waħdu, imma għandu jitlob illi l-korpi kostitwiti kollha, is-soċjetà ċivili kollha ta' pajjiżna, kemm jista' jkun, tkun involuta biex jiġu identifikati dawk l-oqsma fejn kien hemm bżonn ta' negozjati; għaliex il-wegħda tal-Gvern u l-mandat li rċieva l-Gvern kien li jinnegozja l-kondizzjonijiet xierqa biex Malta tkun tista' ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, tul il-kors tan-negozjati kollha, dawn kollha hawn preżenti u għaqdiet oħrajn ipparteċipaw b'mod attiv fiż-żewġ linji li għidt billi identifikajna dawk l-oqsma fejn kellna bżonn nagħmlu negozjati u niksbu arranġamenti speċjali għal Malta, u naturalment, iktar importanti, kien il-fatt illi tul in-negozjati konna l-ħin kollu qegħdin nikkonsultaw ma' dawn l-għaqdiet. L-istendina li jipparteċipaw b'dan il-mod fil-proċess tan-negozjati saret lil kulħadd u nista' ngħid illi kważi kulħadd laqa' dik l-istedina, bl-eċċezzjoni, kif hu magħruf, tal-*Malta Labour Party*. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-proċess tan-negozjati u l-konklużjoni tan-negozjati huwa frott ta' din il-ħidma komuni tal-Gvern, bil-parteċipazzjoni attiva tal-korpi kostitwiti li jirrformaw is-soċjetà ċivili ta' pajjiżna. Dawk li qegħdin hawn, kif għidt, huma dawk li ppronunzjaw ruħhom diġà fil-pubbliku favur li Malta tidħol fl-Unjoni Ewropea. Kien hemm oħrajn li pparteċipaw fil-proċess, fehmu n-negozjati x'kienu u fejn waslu, però finalment ħadu pożizzjoni newtra — jiġifieri ma tawx parir definittiv — però żgur illi għamlu wkoll xogħol utli, anke kemm fin-negozjati u kemm biex spjegaw id-diversi pożizzjonijiet illi ħadu u li ġew negozjati.

Naħseb illi, kif għidt, dan il-proċess għallimna wkoll kemm hu utli illi l-proċess ta' konsultazzjoni jkun xi ħaġa permanenti fil-pajjiż. Wasalna issa fl-aħħar ta' din il-kampanja għar-referendum u rridu ngħaddu, aħna lkoll preżenti hawn dalgħodu, messaġġ lill-poplu Malti. Lill-poplu Malti qed ngħidulu nnegozjajna bis-serjetà, ksibna 77 arranġament speċjali kif kien xieraq biex Malta tista' tissieħeb fl-Unjoni Ewropea u issa, naturalment, aħna lkoll nirrakkomandaw illi s-Sibt li ġej il-poplu Malti jmur jivvota u jivvota 'iva' biex Malta tkun tista' ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea fl-ewwel ta' Mejju tas-sena d-dieħla, għaliex nafu illi dan il-proċess kollu tan-negozjati wera biċ-ċar illi sħubija fl-Unjoni Ewropea tiggarantielna, iġġibilna xogħol aktar għal pajjiżna, iġġibilna impjiegi aktar sodi f'pajjiżna, tkattrilna l-ġid fil-pajjiż u twassal ukoll għal kwalità ta' ħajja aħjar għall-poplu tagħna, tagħti wkoll vuċi lill-pajjiżna … U għal dawn ir-raġunijiet kollha aħna qed ngħidu li l-vot 'iva' jkun vot għall-ġid komuni, għall-akbar ġid komuni ta' pajjiżna, u għalhekk huwa tajjeb għalina, għal uliedna u għal pajjiżna.

Jiena dak li għandi xi ngħid. Issa nistieden lid-diversi rappreżentanti hawnhekk illi min irid jagħmel hu d-dikjarazzjoni li jidhirlu. Ma nafx , nistgħu nibdew kif tridu — m'hawnx ordni partikolari. Nibdew wieħed wara l-ieħor?

Aħna bħala l-*Association MHRA*, l-*association* li tirrappreżenta mas-70 fil-mija tal-lukandi ġo Malta u 35 fil-mija tar-ristoranti, ħadna l-*issue*, li narawha bħala *issue* nazzjonali, ta' importanza enormi li għandna quddiemna nhar is-Sibt.

Ilna nistudjaw l-*issue* għal dawn l-erba' … l-aħħar erba' snin u nofs. Kien hemm ħames kunsilli differenti involuti fil-proċess u kien hemm tliet presidenti differenti involuti fil-proċess. Ħadniha bis-serjetà ħafna; infaqna ħafna flus fuq studji, riċerka, *association membership* mal-*Hotrec* li hija l-*Confederation of*

*European Hotels and Restaurants*, u mbagħad, l-aħħar biċċa xogħol li għamilna, ikkummissjonajna tliet rapporti fuq tnax-il aspett differenti fuq l-industrija tat-turiżmu u l-effett li jkollha l-isħubija fuq din l-industrija daqstant importanti għal pajjiżna. Wara li għamilna dan ix-xogħol kollu, fl-aħħar ta' Jannar kellna *meeting* speċifiku tal-kunsill fejn ħadna vot fuq l-*issue*. Il-kunsill ivvota b'mod unanimu li Malta għandha tidħol fl-Unjoni għall-ġid ta' l-industrija tat-turiżmu. Barra minhekk, għamilna *survey* mal-membri tagħna, li s-*survey* kellna rispons ta' 38 fil-mija u 99 fil-mija ta' dawn il-membri qalu li m'hemmx triq oħra għajr li nidħlu fl-Unjoni Ewropea għall-industrija tat-turiżmu. B'dan it-tip ta' *backing* mill-industrija tagħna aħna m'għandna ebda dubju li post pajjiżna, għall-ġid ta' l-industrija tagħna, huwa fl-Unjoni Ewropea. Għajr minhekk, mill- …

[Interruzzjoni mill-Prim Ministru] Tista' tagħtina r-*response rate* …?

[Kelliem] Ir-*response rate* kien ta' *83 %* … tmienja u tletin fil-mija tal-membri …

[Prim Ministru] Le … tmienja u tletin, tlieta u tmenin fil-mija.

[Kelliem) Tlieta u tmenin fil-mija … Bħalma għidt … b'dan ir-rispons, b'dan it-tip ta' persentaġġi qawwija m'hemm ebda triq oħra, fl-opinjoni tagħna, ħlief li pajjiżna għandu jidħol fl-Unjoni Ewropea.

[Prim Ministru] *Thank you*. President taċ-*Chamber*.

[Kelliem] Il-viżjoni tal-Kamra tal-Kummerċ rigward is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea hija ċara u ġiet imsaħħa mill-aħħar *survey* li għamilna, fejn 91 fil-mija ta' 61 fil-mija tal-membri kollha tawna d-direttiva biex aħna nagħtu s-*support* u l-konferma tagħna lejn pajjiżna … lejn is-sħubija ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea. Huwa interessanti u importanti li ngħid illi l-membri tal-Kamra tal-Kummerċ għamlu dan għall-interess nazzjonali u mhux għall-interess individwalistiku tagħhom. U se ngħid għaliex … għaliex numru sostanzjali mill-membri tagħna li taw ir-risposti tagħhom, waqt li dehrilhom illi għall-interess personali tagħhom huma se jiġu affettwati kemmxejn ħażin, però xorta, għall-ġid nazzjonali, l-opinjoni tagħhom kienet li aħna, bħala Kamra, nagħtu l-appoġġ sħiħ tagħna għas-sħubija ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea. Dan huwa ċar u m'hemmx x'wieħed min-naħa tal-Kamra tal-Kummerċ x'jitkellem iktar fuqu għaliex aħna, kontra dak li qalu x'uħud, min imexxi l-Kamra tal-Kummerċ ma jiddeċidix waħdu; jiddeċiedi bis-*support* sħiħ tal-membri. Infatti, aħna perjodikament, biex inkunu nafu l-polz tal-membri fejn qiegħed, dejjem ikkonsultajna 'l-membri inġenerali, u għalkemm dejjem indikaw illi post pajjiżna huwa fl-Unjoni Ewropea … Iżda l-aktar *survey* u l-akbar *survey* li kellna kien l-aħħar wieħed li għamilna, wara li l-kondizzjonijiet li pajjiżna jrid jidħol fl-Unjoni Ewropea kienu magħrufa. U għaldaqstant, nerġa' nirrepeti li 91 fil-mija mill-membri li rrispondew — li kienu 61 fil-mija u mhux 9 fil-mija, kif xi ħadd ipprova jallega — 61 fil-mija li rrispondew qalulna li l-Kamra tal-Kummerċ għandha, bla dubju ta' xejn, tagħti l-appoġġ tagħha biex pajjiżna jissieħeb fl-Unjoni Ewropea. Grazzi.

Il-Konfederazzjoni ta' l-Għaqdiet tal-Ħaddiema Maltin, jew kif nafuha aħjar is-CMTU, għandha esperjenza siewja ta' ħafna snin — minħabba l-affiljazzjoni tagħha fil-*European Trade Union Confederation*, l-*ETUC* — ta' għaqda Ewropea. Din l-għaqda tħaddan fiha konfederazzjonijiet mill-Ewropa kollha, anke minn dawk il-pajjiżi illi m'humiex … għadhom m'humiex Stati Membri fl-Unjoni Ewropea. Wara l-waqgħa tal-ħajt ta' Berlin il-pajjiżi … l-għaqdiet tal-ħaddiema minn dawk il-pajjiżi, li konna nsejħulhom aħna ta' wara l-Purtiera tal-Ħadid, tahom ferħ ta' ġenn u ġew jiġru biex jissieħbu ma' l-*ETUC* għaliex raw l-opportunità illi l-ħaddiema li jirrappreżentaw huma jkunu jistgħu jgawdu minn dawk il-benefiċċji fl-Unjoni illi l-ħaddiema sħabhom kienu jgawdu fl-Unjoni Ewropea.

Il-Konfederazzjoni Ewropea illum, kif għidt, tħaddan konfederazzjonijiet mill-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa; tirrappreżenta mhux inqas minn 60 miljun ħaddiem. Fost il-konfederazzjonijiet hemm iż-żewġ korpi Maltin: is-*CMTU* u l-*General Workers Union*. Fir-riżoluzzjonijiet kollha irrelatati ma' l-Unjoni Ewropea u mat-tkabbir ta' l-istess Unjoni, l-ETUC dejjem ippropagat sħubija sħiħa u dejjem iddikjarat ruħha kontra kull ftehim … kull tip ta' ftehim parzjali. Għal dawn ir-riżoluzzjonijiet qatt ma kien hemm oġġezzjoni, lanqas mill-*General Workers Union* li kienet tkun preżenti għal kull laqgħa ta' l-Eżekuttiv u għall-kungressi kollha, u li, kif tafu, hawn Malta ddikjarat ruħha kontra sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea. Fil-kampanja għar-

referendum is-*CMTU* għalhekk ibbażat fuq dawn ir-riżoluzzjonijiet mgħoddija mill-*ETUC* u lill-ħaddiema aħna għidnilhom illi fl-Unjoni Ewropea se jkunu jistgħu jaħdmu f'ambjent aħjar, se nkunu f'għaqda li tħarsilhom bis-serjetà s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, se nkunu f'għaqda illi se tħarsilhom il-jeddijiet kollha li għandhom bħala ħaddiema, u se tagħtihom saħansitra ċ-ċans illi jekk xi wieħed — anke l-iċken — minn dawn il-jeddijiet jintmess, ittihom iċ-ċans li b'sempliċi ittra jappellaw il-kawża tagħhom lill-Ombudsman ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, lill-ħaddiema qed ngħidulhom, biex ma ntawwalx, li m'għandhomx iħallu din l-okkażjoni taħarbilhom, okkażjoni ta' darba għaliex is-*CMTU* hija konvinta illi meta nidħlu aħna fl-Unjoni Ewropea jitjiebu żgur il-kondizzjoniet tax-xogħol, il-ħaddiem ikollu iktar sfog, fejn bl-attività tiegħu jirrealizza ruħu u jħoss ukoll li qed jagħti sehmu għat-tkabbir ta' l-ekonomija tal-pajjiż.

Għall-UHM il-proċess tan-negozjati kien proċess importanti ħafna. Illum, li l-proċess ġie konkluż u nafu li fih 77 arranġament speċjali u 81 miljun lira mifruxa fuq tliet snin, tista' tipparagunah ma' ftehim kollettiv nazzjonali. Bl-arranġamenti speċjali, bil-flus li Malta rnexxielha takkwista, mingħajr dubju ta' xejn, kien u għadu opportunità għall-ħaddiema Maltin.

Però … dan hu importanti — però mhux biss. Għall-*UHM* hu importanti li meta poġġejna fil-miżien din l-opportunità mal-proposti kollha oħrajn li tista' tpoġġi fil-miżien in-naħa l-oħra, bl-ebda mod ma l-alternattivi li qed jiġu mmexxija 'l quddiem jistgħu jissuperaw is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

Però, l-akbar sodisfazzjon għall-*UHM* hu li llum il-*UHM* għamlet il-parti tagħha, u l-parti tagħha qablet ma' korpi kostitwiti oħrajn ta' min iħaddem, u allura x-xogħol li għamlet il-*UHM* biex tħares l-interessi tal-ħaddiema qed jintrabat ma' l-interessi ta' min iħaddem. U mingħajr dubju ta' xejn, jekk l-interessi ta' min iħaddem, tal-kummerċjant, tan-negozjant qed jagħraf li s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea hi opportunità, l-ħaddiema Maltin u Għawdxin għandhom ikollhom aktar il-kuraġġ li din l-opportunità nistgħu nsarrfuha għall-ġid tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin. M'hemmx dubju li jekk il-pajjiż ifalli, ifallu l-ħaddiema; jekk in-negozjant ifalli, ifallu l-ħaddiema.

Bl-entużjażmu, bl-enerġija, bid-dedikazzjoni li qed naraw fl-għaqdiet kollha ta' min iħaddem, itina s-serħan tal-moħħ, itina s-sodisfazzjon li x-xogħol li għamlet il-*UHM*, iva, hu pass 'il quddiem għax se norbtu flimkien dan il-proċess fl-interess nazzjonali, fl-interess ta' min iħaddem, u mingħajr dubju ta' xejn, fl-interess tal-ħaddiema u l-familji tagħhom.

L-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem minn dejjem emmnet illi s-sħubija fl-Unjoni Ewropea tista' tkun element pożittiv għal pajjiżna, dejjem jekk ikun hemm il-kondizzjonijiet tajba, u dawn il-kondizzjoniet aħna ħassejna illi, permezz tan-negozjati li ġew finalizzati ma' l-Unjoni Ewropea, instabu u hemm pakkett illi naħseb huwa favorevoli għal pajjiżna.

Aħna dejjem għidna wkoll illi sħubija fl-Unjoni Ewropea m'hix, fiha nnifisha, ħa ġġib awtomatikament xi trasformazzjoni spettakolari fl-ekonomija, fis-sens illi sfidi ħa jkun hemm. Però, nemmnu wkoll, illi dawn l-ifsidi iktar inkunu kapaċi niffaċċjawhom bħala membri, bħala membri f'din l-Unjoni — illi tiġbor fiha l-pajjiżi li hemm illum, it-tkabbir, u li għandha, naturalment, anke *trade agreements* ma' pajjiżi li m'humiex fl-Unjoni — milli kieku nibqgħu barra. Aħna, bħala *employers*, nemmnu illi l-iżolament żgur illi m'huwiex ta' vantaġġ għall-pajjiżna.

L-għaqda tagħna tirrappreżenta *employers*, mhux ta' settur wieħed, imma mifruxin fuq is-setturi kollha ta' l-ekonomija, u allura meta qegħdin ngħidu hekk nafu illi hemm dan is-*support* mill-*employers*, u permezz ta' dan nemmnu wkoll illi dan jista' jissarraf f'kondizzjonijiet aħjar għal min jaħdem ukoll, għaliex dawn huma żewġ naħat ta' l-istess munita. Jekk imur tajjeb min iħaddem, iktar għandu ċans illi jmorru tajjeb … illi jmur tajjeb min jaħdem. Jekk min iħaddem, min jinvesti jonqsulu l-opportunitajiet, awtomatikament, min jaħdem ħa jbati wkoll.

Allura, fis-sħubija fl-Unjoni Ewropea aħna naraw żgur illi hemm opportunitajiet tajbin għal dak li huwa investiment barrani f'pajjiżna; hemm l-aċċess, naturalment, għall-pajjiżi, għas-suq Ewropew — suq ta'

500 miljun ruħ; aċċess għal swieq f'pajjiżi li m'humiex fl-Unjoni Ewropea — u nafu kemm kien diffiċli fil-passat biex nippruvaw ninnegozjaw *trade agreements* magħhom dawn; u hemm ukoll aċċess għall-fondi reġjonali u strutturali li Malta tista' u qiegħda tibbenefika minnhom.

Aħna l-*feedback* li għandna mill-membri tagħna huwa illi l-*employers* laqgħu din l-isfida, qegħdin jagħmlu l-istrutturar li huwa neċessarju sabiex inkunu kapaċi iktar nisfruttaw l-opportunitajiet fl-Unjoni Ewropea, u nisperaw illi naturalment il-poplu jagħmel id-deċiżjoni tiegħu u tkun deċiżjoni għaqlija.

[Prim Ministru] Thank you. Is-Sur Anton, President tal-Federation of Industry.

[Kelliem] Nirringrazzjakom. Aħna bħala Federazzjoni, kif spjegajna qabel, wettaqna diversi studji rigward xi tfisser fuq l-industrija Maltija d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Fosthom, għamilna wieħed eżatt qabel ma applikat Malta … kien jismu '*Malta at the Crossroads*', fejn rajna ċertu options li tista' tmur Malta għalihom. F'nofs in-nineties għamilna ieħor ikkummissjonat … għamluhulna *Coopers & Lybrand* ġo *Brussels* jismu '*The effect of EU Membership on Industry*' — jiġifieri l-istudji tagħna li għamilna dejjem jikkonċentraw fuq l-industrija — kif ukoll għamilna ieħor dan l-aħħar ma' l-*MBF*, li għamilhulna Professor Ali Bayar li ura … wera riżultat illi t-tkabbir tal-*gross domestic product* jogħla b'rata ikbar bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

Lill-membri tagħna ippreparajnihom b'diversi modi b'dawn l-istudji. Però wkoll, flimkien mal-*Malta Chamber of Commerce*, aħna ftaħna uffiċċju ġo *Brussels* biex id-domandi tal-membri tagħna jiġu *redirected* direttament ġo *Brussels* u dawn ikollhom *first hand replies* tal-problemi li jista' jkollhom. Dan il-*Malta Business Bureau*, ukoll, għamel bosta *seminars* biex informa lill-membri tagħna fuq kull parti taċ-*chapters* waqt li kienu qed jiġu diskussi, u dan kellu riżultat tajjeb, għax meta aħna dorna lill-membri tagħna fis-*survey* li għamilna, meta kważi ċ-*chapters* kollha li jaffetwaw l-industrija kienu magħluqin is-sena l-oħra, dawn ma kinux fid-dlam, kienu jafu eżatt kif ser jirrispodu. Fil-fatt, 72 fil-mija tawna risposta għas-*survey* tagħna u 13 fil-mija biss qalu illi bis-sħubija jħossu li l-kumpanija tagħhom se jkollha daqsxejn diffikultajiet.

Jiena nixtieq ngħaddi l-aħħar messaġġ — illi l-membri tagħna huma … qed iħarsu lejn dan il-mument bħala *challenge* għalihom. Nixtieq ngħid illi huma ottimisti illi *they are going to overcome this challenge*, u nagħmel l-aħħar appell, simili bħalma għamlu ta' qabli, lill-*employees*, fejn jiena ngħidilhom illi m'għadux iż-żmien illi dak li jaqbel lill-*employer* ma jaqbilx lill-*employee*. Illum anzi, iż-żmien huwa kontra — dak li jaqbel lill-*employer*, lill-kumpanija jaqbel lill-*employee* u naħseb kulħadd jaf jirrikonoxxi dan. Jiena daqshekk — m'għandi xejn iktar x'ngħid.

Sa mill-bidu nett, il-GRTU ħadet il-kwistjoni tar-relazzjoni ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea bis-serjetà. Bis-serjetà, għaliex in-nies tagħna, in-nies tal-kummerċ, l-intraprenditur iż-żgħir żgur li kien … kellu interess qawwi biex jara kif se jolqtuh.

Fid-disgħinijiet tajna s-*support* lill-Gvern, avolja dak iż-żmien ma tantx kien hemm furur fuqha; fin-*96* ukoll, għax konna nemmnu illi gvern elett demokratikament għandu l-mandat tal-poplu biex jesegwixxi l-programm tiegħu, u aħna li nagħmlu ma nagħmluhx b'mod partiġġjan, imma nagħmluh dejjem għall-interess tal-membri tagħna. U meta reġgħet daret il-folja, erġajna tajna s-*support* kollu biex mir-relazzjonijiet, mid-diskussjonijiet li kien hemm ma' l-Unjoni Ewropea noħorġu l-aħjar illi nistgħu noħorġu.

Ipparteċipajna b'mod attiv, forsi l-aktar għaqda li ppartecipat b'mod regolari u attiv fil-*meetings* tal-*MEUSEC*. Nista' ngħid li kważi attendejna l-*meetings* kollha bejni, bejn id-Direttur Ġenerali, bejn Philip Fenech, u membri oħra tal-kunsill — kważi dejjem konna hemm f'kull *meeting*. U konna hemm mhux bħala osservaturi, konna hemm biex nagħmlu l-kritika, biex nagħmlu s-suġġerimenti, biex nopponu, biex forsi anke nsabbtu saqajna, bl-*extent* illi ġieli dherna koroh, ġieli kkritikawna illi anke aħna partiġġjani, illi nfittxu x-xagħara fl-għaġina, illi kull fejn inkunu nieħdu l-mejda f'idejna u nparlaw iżżejjed. Però l-iskop tagħna dejjem kien ġenwin, l-iskop tagħna dejjem kien illi — anke meta ġew rappreżentanti ta' Brussles, nies mill-Unjoni Ewropea, anke fil-bidu nett, biex jaraw aħna kif naħsbuha — qatt ma morna quddiemhom u għidnilhom '*isma*', *fittxu daħħluna fl-Ewropa għax aħna għandna bżonnkom, għax aħna ma nistgħux noqogħdu mingħajrkom*'. Dawn dejjem għidnilhom illi l-poplu Malti jrid imiss b'idejh, trid turih minn issa

— konna ngħidulhom — xi ħaġa tanġibli f'idejh li l-Unjoni Ewropea tfisser progress, tfisser flus fil-but, mhux biss sagrifiċċji min-naħa tagħhom. U bqajna nopponu, bqajna nagħtu l-pariri tagħna, bqajna nirreżistu li niġu *swingjati* 'l hawn jew 'l hemm għaliex nemmnu li, anke bis-saħħa t'hekk, aħna instigajna 'l-Ewropa, għinna lill-Gvern fin-negozjati tiegħu, illi d-diffikultajiet tagħna ma jintremewx, ma jintefgħux wara dahar xi ħadd u jgħid '*u iva, dawn jaċċettaw kollox*'.

Id-diffikultà tagħna kienet dejjem ukoll illi aħna nirrappreżentaw setturi varjati, ta' interessi differenti u kultant opposti assolutament minn waħda għall-oħra, u dejjem kellna l-periklu illi dak li hu tajjeb għal wieħed huwa ħażin għall-ieħor. Dejjem tlabna lill-Gvern u lill-Oppożizzjoni illi jsiru l-*impact assessments* biex naraw in-negozju, speċjalment is-setturi tagħna, kif se jintlaqtu. Però sfortunatament *impact assessments* ta' din in-natura ma rajniex, ma ġewniex. U għalhekk bqajna bejn ħaltejn, illi aħna anke konna ddeċidejna, illi istruzzjonijiet ta' xejra diretta 'l hawn jew 'l hemm ma neħdux … U ma ħadniex u għadna sal-lum … lill-membri tagħna m'aħniex se ngħidulhom morru vvutaw 'iva' jew morru vvutaw 'le'.

Però, inħossu wkoll l-obbligu tagħna — huwa obbligu li anke huwa mniżżel ukoll fl-istatut tagħna — illi niggwidaw lill-membri tagħna fejn naraw evidenza ċara illi t-triq hija tajba, illi t-triq hija aħjar minn oħra; illi aħna nagħtu direzzjoni mingħajr ma nimponu ix-xewqa tagħna, ir-rieda tagħna fuq il-membri tagħna … Għaliex aħna nemmnu wkoll illi l-Ewropa mhux biss il-kummerċ, mhux biss l-ekonomija; hemm affarijiet oħra, hemm elementi oħra illi aħna ma nħossuniex kompetenti illi għandna nidħlu fiha ħlief fuq bażi personali, u l-bażi personali neħduh id-dar mal-familja. Imma fejn jidħol il-kummerċ, illum għandna evidenza f'idejna. Il-kollega tiegħi hawnhekk semma' r-rapport ta' Bayar, rapport illi aħna ipparteċipajna fih ukoll ma' l-assoċjazzjonijiet l-oħra ta' min iħaddem, maċ-Chamber, l-FOI, l-*Employers'* Association biex ikkummissjonajnih — proċess li dam sejjer tmintax-il xahar, proċess illi ma ħadnihx *face down*, illi ċċekjajna fuq Bayar, iċċekjajna fuq il-metodu li għamel, iċċekjajna fuq il-kredibilità li anke għandha din il-persuna fil-pajjiżi Ewropej u anke mondjali — u llum nistgħu ngħidu illi għandna bażi fuqhiex nimxu, fuqhiex aħna niggwidaw lill-membri tagħna. U għalhekk illi aħna ma stajniex … illi lill-membri tagħna ngħidulhom '*iva t-triq, il-pakkett illi għandna quddiemna, li ppreżenta l-Gvern huwa vijabli, huwa aċċettabli, u milli jidher hija l-unika* ***option***'.

U hawnhekk irrid ngħid illi din il-konklużjoni bħal-lum tmint'ijiem ġiet ikkonfermata mill-kunsill tagħna b'dikjarazzjoni unanima, dikjarazzjoni illi domna sagħtejn, kunsill ta' sagħtejn niddiskutu lilha biss biex ħriġna bis-sura li ġiet ippublikata. Min wara li ħareġ minn hemm, wara li anke xrobna fuq dik it-triq, wara li anke kien hemm wieħed li oġġezzjona għar-riżoluzzjoni — imma oġġezzjona għaliex ried illi nieħdu *outright* … iva, ngħidu iva mill-ewwel immaterjalment jekk aħniex qed nitkellmu għall-kummerċ, jekk aħniex qed nitkellmu għall-ekonomija — u ġiegħluni nerġa' naqrahielhom, kelma b'kelma, kif kienet ser tiġi ppublikata u l-kunsill kollu aċċettaha, u l-kunsill kollu ma oġġezzjonax u ħriġniha għall-pubbliku … Wara xrobna, wara kilna, wara ċċajtajna, u kien wara biss illi xi ħadd — jew għax ikkritikah xi ħadd, jew għax kellu ħsieb ieħor — illi ħareġ jgħid illi ma kinitx irrappreżentata r-riżoluzzjoni fil-kunsill u ma kinitx unanima. Jiena nirrepeti, nikkonferma minn hawn, illi kienet deċiżjoni unanima, immaterjalment x'jgħidu minn barra. Grazzi.

[Prim Ministru] Thank you.

[Kelliem] Immur lura għal dak li qal il-Prim Ministru fid-diskors tiegħu, li l-laqgħa tal-lum hija laqgħa verament storika. Illum il-Prim Ministru, bħala l-Kap tal-Gvern Malti, stieden lil Malta fl-aħħar mill-aħħar, biex tfisser il-fehma tagħha dwar is-sħubija fl-Unjoni Ewropea … u Malta wieġbet.

Kulħadd ħa r-responsabbilità għal dan il-mument storiku. Hija realtà illi kull wieħed minna għandna responsabbilità doppja — skużawni [*il-kelliem jitfi t-telefown ċellulari*] … ħa neqirdu dan il- … it-teknoloġija tirvinak … — mela, kull wieħed minna kemm personalment, kemm bil-karigi tagħna, għandna responsabbiltajiet mhux biss għall-korp jew il-partit li nirrappreżentaw, iżda għall-pajjiż kollu fl-istess ħin. L-esperjenza tagħna matul in-negozjati firxet quddiemna realtà politika ġdida, realtà politika lilhemm mir-realtà politika partiġġjana, fejn kull Malti, kull għaqda, kull korp kostitwit, kull *unjin* għandu postu, għandha postha, għandha responsabbilità x'terfa', għandha x'tagħti lill-pajjiż. Dan għamilnih għal snin fil-proċess tan-negozjati; kulħadd ġab lejn il-mejda tan-negozjati, lejn il-*MEUSEC* l-inkwiet tiegħu, it-tħassib tiegħu, it-

tamiet tiegħu; ġab lejn dan il-proġett nazzjonali l-aqwa li kellu b'mod, bi spirtu propjament Malti. U, aħna u naħdmu għas-setturi tagħna, bdejna nifhmu l-komplessità tar-realtà Maltija, il-ġid kbir li għandna madwarna, it-talenti, l-esperjenzi u l-professjonalità.

Din il-laqgħa hija storika għax hija demokratika b'mod kompletament ġdid. Il-Gvern Malti llum qiegħed jaċċetta, jammetti u jirrikonoxxi illi din id-deċiżjoni m'hix deċiżjoni għal gvern wieħed, m'hix deċiżjoni illi jista' jeħodha partit politiku jew gvern li għandu ħajja ta' ħames snin, iżda hija deċiżjoni li torbot 'il-pajjiż f'proġett għal medda twila ta' snin għall-iżvilupp tiegħu. Huwa pjaċir tiegħi li llum jien, il-Kap ta' l-Alternattiva Demokratika, Ċerperson ta' l-Alternattiva Demokratika, li ninzerta f'dan il-mument storiku, li llum jien qiegħed hawn biex nistqarr l-approvazzjoni ta' dan il-proġett kuraġġjuż, li jmur lilhemm minn kwalunkwe differenza politika jew partiġġjana, li aħna lkoll flimkien qegħdin nieħdu r-responsabbilità għalih u qegħdin insiru wkoll, illum — qabel ma kien hemm xi deċiżjoni fir-referendum — ħafna iżjed Ewropej milli qatt konna.